Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,277, 28 ta' Ġunju, 2024

Taqsima B

A.L. 150 tal-2024

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2024 dwar Drittijiet (Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar Drittijiet (Akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting u Stabbilimenti ta' Akkomodazzjoni ta' Pet Boarding għal Qtates u Klieb).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Drittijiet.

2. Id-drittijiet elenkati fl-Iskeda għandhom jitħallsu lid-Direttur responsabbli għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Skeda
(regolament 2)

Drittijiet applikabbli għal-liċenzjar ta' stabbilimenti ta' akkomodazzjoni ta' Pet Boarding:

(a) L-ewwel reġistrazzjoni għal stabbiliment ta' akkomodazzjoni ta' Pet Boarding	€800
(b) Tiġdid tal-liċenzja ta' stabbiliment ta' akkomodazzjoni ta' Pet Boarding li żżomm għaxar (10) annimali jew inqas	€200
(ċ) Tiġdid tal-liċenzja ta' stabbiliment ta' akkomodazzjoni ta' Pet Boarding li jżomm aktar minn għaxar (10) annimali	€400

B 910

Drittijiet applikabbli għar-reġistrazzjoni ta' akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting:

(a) L-ewwel reġistrazzjoni għal akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting:	€400
(b) Tiġdid tar-reġistrazzjoni ta' akkomodazzjonijiet ta' Pet Sitting	€100